MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 88/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nezrin Grixti)**
**Vs**

**Kevin Turner**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar tlett xhur, gewwa San Giljan b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda :

a) biegh jew offra li jbiegh droga ristretta w psikotropika (Ecstasy) kontenenti s-sustanza (Methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata w ristretta bil-ligi taht it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza dwar il-

Profesjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;
b) fid-9 t'Ottubru, 2003 gewwa San Giljan kif ukoll gewwa diversi postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta w psikotropika (Ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta w l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghal uzu eslussiv tieghu;
c) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta dawn ir-reati fi/jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' klabb jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur tat-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Marzu, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 17(h) u 18 tal-Kap. 9, ir-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120(A)(2)(b)(i), 120A (1B) u t-Tielet Skeda tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll it-tieni proviso li jidher taht l-artikolu 120A(2)(b)(ii) u li jirreferi ghall-paragrafu 120A(2)(b)(i), sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet u l-aggravju li jidher fl-ittra (c) u kkundannatu ghal prigunerija ta' tletin (30) xahar kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' tmien mitt lira Maltija (LM800), liema multa ghandha tithallas f'rati mensili ta' LM50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull hames liri Maltin (LM5) mhux imhallsin. Jekk jonqos il-hlas ta' xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa.
Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-flus li ma kienux jappartjenu lill-imputat, jigifieri dik il-parti li kienet gejja mill-bejgh tad-droga w li tammonta ghal wiehed u tmenin lira Maltija (LM81).

Ai termini tal-artikolu 533, il-Qorti ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta' LM146.03 bhala hlas tal-espert. Fl-ahharnett il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur u li dan tal-ahhar ghandu jaghmel rapport dwar id-distruzzjoni mill-aktar fis possibbli.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-21 ta' Marzu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena w minflok tinfliggi piena gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant huma limitati ghall-piena w, fil-qosor, jikonsistu fis-segwenti w cioe' :-**

Li din il-piena hija eccessiva w li l-Ewwel Qorti naqset li taghti konsiderazzjoni w valur lil cirkostanzi materjali rizultanti mill-atti processwali li kellhom jimmilitaw favur tnaqqis mill-piena. L-appellant kellu jibbenefika minn riduzzjoni tenut kont tal-ko-operazzjoni tieghu mall-ufficjali investigattivi fejn fl-istqarrija tieghu hu kien ammetta mhux biss li hu kien ser ibiegh minn dawk il-pilloli li nstabu fuqu izda sahansitra stqarr li kellu aktar pilloli li kien lahaq gja biegh qabel ma gie intercettat mill-Pulizija. Ulterjorment kien ammetta reati li kien ikkommetta gimghat qabel. Fit-tieni lok l-Ewwel Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni l-progress li hu kien lahaq ghamel fir-riabilitazzjoni tieghu kif jirrizulta anki mix-xhieda tieghu w tal-probation officer. Li hu ma kienx qed jittraffika ghall-profitt jew gwadann finanzjarju izda semplicement sabiex jiffinanzja l-vizzju tieghu. Din id-distinzjoni ssir f' Communication maghmula mill-Kummissjoni Ewropea li tikkontjeni *framework decision* . Illi l-Qrati taghna normalment jaghmlu din id-distinzjoni. Fir-raba' lok ma jidhirx li l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti li l-appellant ghandu fedina penali netta salv ghal reat wiehed li jirrisali ghall-aktar minn ghaxar snin qabel.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi trattandosi ta' appell dwar il-piena jibda' biex jigi ribadit li f' kull kaz il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

**Illi l-piena f' dan il-kaz ghal kull wiehed miz-zewg reati li rrizultaw fil-konfront tal-appellant, kif mizjuda bi grad skond it-tieni proviso tal-art. 120A (2) tal-Kap.31, minnhabba l-aggravanti kontenut fit-tielet addebitu, kienet tvarja minn piena minima ta' seba' xhur prigunerija sa dik massima ta' tnax il-sena prigunerija. Bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tar-reati fl-applikazzjoni tal-piena, skond l-art. 17 (b) tal-Kodici Kriminali, l-piena minima kienet titla' ghal disgha xhur u ghaxart ijiem prigunerija w dik massima titla' sa' tmintax il-sena prigunerija. Jekk umbaghad, trattandosi ta' reati kontinwati, l-piena tizdied bi zewg gradi, kif il-Qrati ghandhom il-fakolta' li jaghmlu skond l-artikolu 18 tal-Kap.9, ovvjament il-piena erogabbli tkun ferm u ferm oghola minn hekk. Ghalhekk ma hemmx dubju li l-piena erogata hija pjenament entro l-parametri tal-ligi w ferm aktar vicin il-minimum milli l-massimu.**

**Ikkonsidrat ukoll;**

**Li zgur li ma jistax jintqal li l-appellant ghandu kondotta netta meta fis-16 ta' Lulju, 1994 kien nstab hati ta' serq aggravat u danni volontarji kommess fis-sena 1993 u fl-20 ta' Ottubru, 2004, kien instab hati ta' pussess tal-pjanta cannabis fis-sena 2001. Kien ukoll**

**instab hati ta' sewqan bla licenzja u minghajr kopertura ta' assikurazzjoni kommess f' Mejju, 2003. Dawn ir-reati kollha gew kommessi qabel ir-reati mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk dan l-aggravju hu manifestament infondat.**

**Illi mbaghad meta Qorti taghti piena ma hemmx ghalfejn toqghod issemmi l-fatturi kollha li tkun ikkonsidrat meta tigi biex, fid-diskrezzjoni taghha, tippeza l-gravita' tar-reat u s-sanzjoni adegwata w l-fatt li xi konsiderazzjonijiet ma jissemmewx espressament fis-sentenza, mhux necessarjament li dan iwassal ghal tnaqqis fil-piena, jekk il-Qorti ta' revizjoni tqis li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti xorta wahda tkun entro l-paramentri legali u mhux manifestament esagerata.**

**F' dan il-kaz mhux minnu li l-Ewwel Qorti ma qiesetx il-progress li seta' ghamel l-appellant fir-riabilitazzjoni tieghu, anzi fis-sentenza appellata hemm paragrafu shih dedikat ghal din ir-rizultanza (para. 17) . Hemm ukoll paragrafu iehor dwar ix-xoghol li jaghmel l-appellant (para. 18) . Ghalhekjk anki dan l-aggravju hu bla bazi.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ligi taghna zgur li s' issa ghadha ma addottatx il-kriterju citat mill-appellant fil-*framework decision* tal-Kummissjoni Ewropea w sal-lum ma taghmilx distinzjoni bejn kazi fejn wiehed ikun qed jittraffika ghall-profitt biss u kazijiet fejn dak li jkun, ikun qed ibiegh u jittraffika biex jiffinanzja l-vizzju tieghu. Il-fatt li xi sentenzi setghu hadu dan il-fattur in konsiderazzjoni, ma jfissirx li dan jorbot lil kull gudikant f' kull kaz. Umbaghad f' dan il-kaz, l-appellant mistoqsi, waqt l-interrogatorju tieghu, jekk kellux xi problema ta' droga, wiegeb li ma kellux, ghalkemm qal li kien jiehu extacy. (fol. 4) Ghalhekk dan l-aggravju lanqas jidher li ghandu bazi ta' fatt. Li hu zgur hu li f' dan il-kaz l-appellant kien qed ibiegh l-extasy go discoteka, fejn ikun hemm mijiet ta'**

**zaghzagh ta' eta' tenera w li, bil-hidma nefarja tal-appellant, kienu qed jigu introdotti, forsi ghall-ewwel darba, ghal-vizzju tal-medicini psikotropici. Dan ma jistax jigi kondonat, kien x' kien il-motiv tal-appellant meta ghazel li jintefa' ghal dan it-tip ta' negozju.**

**Dwar il-fatt li l-appellant ghin lill-investigaturi, din il-Qorti tosserva li ftit seta' jaghmel differenti meta kien inqabad fil-fatt mill-Pulizija. Jekk stess ikkoopera mall-investigaturi, zgur li ma kkoperax mall-Qrati, ghax minnkejja li kellu ammissjoni skjetta fl-istqarrija tieghu, wiegeb li ma kienx hati quddiem l-Ewwel Qorti (fol. 9) u b' hekk ipprovoka process li kwazi ha tlitt snin biex issa fl-ahhar wasal ghall-konkluzzjoni tieghu.**

**Ghalhekk taht kull aspett l-appell huwa manifestament infondat u qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------